# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

Numru 63

Lulju - Awwissu 2004






# x'għandna?


| | |
|---|---|
| editorjal | 2 |
| aħbarijiet | 3 |
| kompetizzjoni 63 | 3 |
| x'għandna mid-dinja? | 4 |
| il-MERILL | 5 |
| tromba @ | 6 |
| sittsaqajn | 6 |
| gallarija | 7 |
| mill-ħrejjef Griegi | 7 |
| FALKO | 8 |
| għali ambjentali | 9 |
| djarju berdwoċer | 10 |
| ittri | 10 |
| midd idejk | 11 |
| daħħal membru | 11 |




Jien naħseb li fis-sajf il-baħar jieħu qatgħa kbira fimsarnu.

Wara xitwa jħabbat mal-blat biex juri kemm hu bsaħħtu, jersaq is-sajf u donnu jikkalma b'denbu bejn saqajh, qisu jkun jaf li dalwaqt tibda... l-INVAŻJONI!

Jitfaċċaw bil-kulers, bil-barbikju, bil-faħam, bil-lampi tal-gass u bid-dulliegħ. U jiġu bil-maskla, bil-ħarpun u bil-ganċ biex jikinsu l-baħar minn kull ċerna, kull qarnita u kull rizza li jarawU jiġu bil-mus biex iqaxxru kull imħara u jinfdu kull granċ.

U jiġu bir-radju miftuħ beraħ u jdamdam xatt, u filgħaxija bid-disko bi spikers kull wieħed daqs karozza, biex jisimgħuna anke minn Sqallija!

Aħna naħsbu li l-baħar kbir u allura jiflaħ għal kollox. Xi żball! Il-fatt hu li l-baħar qed jimrad! Imma t-tort mhux tagħkom li għadkom żgħar. It-tort ta' min kiber u baqa'ma tgħallimx.

Ma tgħallimx li l-baħar mhux il-miżbla tagħna. Ħafna pajjiżi għadhom jirraġunaw li fil-baħar tista' tarmi li trid, għax l-iskart jinżel fil-fond u jisparixxi! Immaġinaw kieku l-iskart tad-dar tagħna nitfgħuh ġol-bir jew ġol-kantina "għax hemm isfel ma jidhirx". Liema miġnun jirraġuna hekk? Imma hekk eżatt jirraġunaw fuq il-baħar.



Pajjiżi oħra jaħsbu li għax il-baħar kbir = hemm ħut kemm trid! Sewwa, mela aqbad ħut kemm tiflaħ u bla kontroll, għax il-ħut ma jispiċċa qatt ħej! Imbagħad: "Iii, il-ħut qed jonqos..."

Mela l-baħar battalnieh mill-ħajja u mlejnieh bil-ħmieġ. Issa ara taqtgħux din: Liema hu l-iktar baħar maħmuġ fid-dinja?

il- M _ _ _ _ _ _ _ _ _

**Victor Falzon** l-editur



Raymond Galea

Il-**bufula ta' l-għollieq** (Cetti's warbler) hi waħda mill-ftit għasafar li jbejtu f'Malta, u għalhekk hija speċjali għalina l-berdwoċers (li bejnietna laqqamnieha Ċetta!) Ma tantx taraha, għax tħobb tistaħba, imma tpatti bil-ħanġra ta' għajta li għandha!

## kumitat klabb ħuttaf

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo


indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin il-huttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat sakemm mhux għal skopijiet kummerċjali, sakemm jissemma' l-isem **Il-Ħuttafa** u sakemm tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **bufula ta' l-għollieq** - ritratt ta' Raymond Galea
Stampat: Poulton's Print Shop, Lulju 2004


Klabb Ħuttaf

**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-tmintax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt xi attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.**




# F'idejn l-esperti...

Il-Buskett m'hemmx li tiġih waħda tajba. Bħalissa l-Buskett qiegħed f'idejn kumpanija ta' esperti biex jieħdu ħsiebu. U kif qed jieħdu ħsiebu? Billi qaċċtu partita siġar u arbuxxelli, fosthom speċi rari bħad-deru. Imma għaliex! Heqq, dawn esperti tal-ġonna, u forsi għalihom jekk siġra ma tagħmilx fjuri kbar jew frott li jittiekel mela mhi tajba għal xejn. Qaċċat Ġuż!

Naturalment il-BirdLife ipprotestat, imma l-ħsara laħqet saret, u mad-deru nqerdu wkoll salt bejtiet tal-bufula sewda eċċ!

# Bil-Bejta!

Meta jbejjet għasfur ġdid jew mhux tas-soltu dejjem nagħmlu ftit għaġeb aħna. Bilfors hux, meta tara x'lista fqira għandna ta' għasafar li jbejtu.

Fuq travu ġewwa kamra żgħira fil-Buskett **bejtu par ħuttaf**! Faqqsu erba' flieles, u sa ma taqraw din l-aħbar, ikunu tgħallmu jtiru wkoll!

Il-ħuttafa ma tbejjitx regolari f'Malta. L-aħħar rekord ta' bejta kien fl-1995 fil-Bidnija, u qabel dik kien fl-1974 fl-iMqabba!

# Erġajna ġejna l-ewwel!



Il-websajt tal-BirdLife **ġiet l-ewwel fil-konkors** għall-aħjar websajt minn għaqda volontarji.

Din hija t-tieni darba li l-websajt tagħna rebħet dan l-award organizzat mid-Datastream. L-ewwel darba kien sentejn ilu. Dis-sena l-websajt kienet qed tikkompeti ma' 107 websajt oħra.

Aħna tal-Huttafa ngħidu prosit lil Denis Cachia, il-webmaster għaqli tagħna li jżomm il-websajt ħajja u aġġornata.

Issa nħajru lilkom il-membri li għandkom l-internet biex iżżuru l-websajt spiss.

## Erġa' għidli fejn toqgħod!

Raħal żgħir f'Wales iddeċieda li jibdel ismu għal ftit taż-żmien bi protesta kontra pjan biex jinbena windfarm eżatt maġenbu. Minn sempliċi **Llanfynydd** issa r-raħal ħa l-isem ta' **Llanhyfryddawelllehynafolybarcud-prindanfygythiadtrienusyrhafnauole**. Mhijiex ċajta, xi rħula f'Wales magħrufin għall-ismijiet twal, li fil-fatt huma sentenza bil-kliem magħqudin. Dan l-isem ifisser: "raħal-kwiet-sabiħ-u-storiku-fejn-ibejjet-l-astun-mhedded-mill-mishutin-skrejjen."

# KOMPETIZZJONI 63




It-tweġibiet ta' dit-tisliba ssibuhom kollha f'dil-ħarġa stess tal-Huttafa. Ħafifa immens, anke l-paġna tajniekom! Min jirbaħ jirċievi **sett kartolini ta' l-għasafar.** Tqasqsux il-magażin - ibagħtu t-tweġibiet fuq karta jew bl-imejl.

1 **L-iżgħar vertebrat** (p4)
2 **Forsi bejjet f'Ġunju** (p10)
3 **Fejn bejtet il-ħuttafa?** (p3)
4 **X'pinġa Luca?** (p7)
5 **Iż-żgħażagħ tal-BirdLife** (p8)
6 **Lewn il-merilla** (p5)
7 **Din ta' l-għollieq** (p1)
8 **Kellhom leħen maġiku** (p8)
9 **Laqam tal-bufula!** (p2)

Ċans għandkom sa **31 Awwissu 2004**

Ir-rebbieħa ta' Komp 62 hija LARA MARIE MIZZI minn Victoria. Prosit Lara, il-kartolini daqt ikunu għandek.



# Minn Adam sa Saddam!

Wieħed mid-diżastri ambjentali li għamel Saddam Hussein meta kien għadu jikkmanda l-Iraq kien li qered il-**Bwar tal-Mesopotamja**! Dawn kienu fil-post fejn jiltaqgħu x-xmajjar Firat (Euphrates) u Tigris, u jiffurmaw medda enormi (20 000km² = 60 darba daqs Malta!) ta' għadajjar u bwar. Kienet l-ikbar wetland tal-Lvant Nofsani u wieħed mill-aqwa postijiet għall-għasafar fid-dinja. F'dawn l-ilmijiet baxxi darba kienu jgħixu u jistrieħu miljuni ta' għasafar kull sena: borok, irsieset, tajr tax-xtut, gawwi, ċirlew, blonġuni eċċ.



Mhux hekk biss, imma diversi studjużi tal-Bibbja jaqblu li jekk veru kien jeżisti l-Ġnien ta' l-Eden, dan il-ġnien kien x'imkien fil-Bwar tal-Mesopotamja!

Imma s-sur Saddam ġie jaqa' u jqum, nixxef kollox, u llum hemm deżert u ramel u nixfa u baħħ.

Issa li Saddam m'għadux hemm, il-Ġnus Magħquda għamlet pjan biex tipprova terġa' tqajjem dal-post mill-mewt. Imma mhux faċli, għax hemm problema kbira: ħafna mill-ilma ta' dawn ix-xmajjar jintuża mit-Turkija, mis-Sirja u mill-Iraq stess - jista' jkun li llum ma jasalx biżżejjed ilma mix-xmajjar biex il-Bwar tal-Mesopotamja jerġgħu jimtlew.

Biex tkompli tgħaqqad l-affari, issa wkoll sabu ż-żejt! Ajma ħej!

B'dawn il-problemi kollha, min jaf għadx xi darba terġa' twarrad il-Ġenna ta' l-Art?





## Trid tajer?

Is-sena l-oħra l-**Stati Uniti** rriċiklat 80% tat-tajers qodma tagħħa, jiġifieri 233,000,000 tajer. Fl-1990 il-perċentwal kien biss 11%. Li ma kienx għar-riċiklaġġ ara x'muntanja ta' tajers...

## Forsi jitgħallmu...

L-**Italja** għadha kemm għaddiet liġi li biha jekk tinqabad tabbanduna pet tista' teħel sa sena ħabs, u multi sa Lm4300.

Fir-**Renju Unit** ukoll bi ħsiebhom jirranġaw il-liġi fuq il-moħqrija ta'l-annimali. Fost affarijiet oħrajn, qed jipproponu li jsir kontra l-liġi li kelb taqtagħlu denbu "biex jiġi isbaħ" jew "għax hekk suppost" (kif jirraġunaw anke ħafna Maltin), u li tfal taħt is-16 ma jitħallewx jixtru pets minn jeddhom. Il-pieni wkoll ħa jiħraxu, u jsiru sa sena ħabs u multi sa Lm12,000.



## X'naqra ta' ħuta dik!



Xjenzati għadhom kemm sabu l-iżgħar vertebrat fid-dinja. Hija tip ta' ħuta jgħidulha **stout infantfish** *Schindleria brevipinguis*. Tgħix fil-Great Barrier Reef ta' l-Awstralja, u tikber biss sa 7mm, jiġifieri toqgħod komda mimduda f'wisa' ta' lapes!

Vertebrat huwa annimal li għandu xewka tad-dahar. Aħna l-bnedmin naturalment qegħdin ukoll fil-grupp tal-Vertebrati.



id-daqs proprju!

Bil-Ingliż **blue rock thrush**
Bix-xjentifiku ***Monticola solitarius***

# Il-merill

Mark Anthony Falzon

**Bla dubju huwa wieħed mill-iktar għasafar magħrufin f'Malta. Ilkoll nitgħallma dwaru l-iskola għax huwa l-għasfur nazzjonali, insibuh fuq il-munita tal-lira, u ġieli jidher ukoll fuq bolol Maltin. Imma fl-istess ħin, ħafna Maltin għadhom qatt ma raw wieħed.**

## Ma jispikkax

Il-Merill mhuwiex xi għasfur kbir, fil-fatt huwa iżgħar minn ħamiema. Ir-raġel ikun blu skur filwaqt li l-mara u l-frieħ huma kannella. Munqaru u s-saqajh huma skuri. Fuq l-istampi jispikka, imma tistennewx li se taraw xi għasfur blu jixgħel u jlellex mill-bogħod, għax mill-bogħod il-merill jidher iswed, u trid tarah sew jew minn tromba biex tinduna li huwa blu. Barra minn hekk, fl-ambjent naturali tiegħu għandu ħabta jintilef qalb il-blat u l-mazkan. Ħafna drabi mnalla tkun l-għajta li turina li qiegħed hemm. Il-merill għandu tisfira sempliċi qisha flawt, imma għandu wkoll għanja mill-isbaħ li tinstema' l-aktar fis-sajf u fil-ħarifa.

## Ambjent speċjali

Il-merill mhuwiex komuni għax irid ambjent speċjali. Jgħix ma' l-irdumijiet tax-xatt fil-punent tal-gżira, f'xi nħawi tat-tramuntana, f'Għawdex u fuq Kemmuna. Postijiet bħall-irdumijiet ta' Had-Dingli, il-Qammieħ, u Ta' Ċenċ huma favoriti ma' dan l-għasfur.

Bħal ħafna speċi oħra, il-merill huwa għasfur territorjali. L-irġiel spiss jgħannu u jtiru wara xulxin biex jiddefendu t-territorju tagħhom. Ħafna merilli jqattgħu x-xitwa 'l ġewwa mill-kosta, f'xi barriera mitluqa, mal-ġnub ta' widien jew ma' swar għolijin. Is-swar ta' Manoel Island u tal-Kottonera, per eżempju, kull sena ssibilhom xi merill. F'dan iż-żmien ġieli jidhru wkoll merilli f'postijiet mhux tas-soltu - jien per eżempju kelli merill iżurni fil-ġnien u jnaqqar mill-bird table.

## Pranzu

Fin-natura l-merill jiekol rettili żgħar bħal gremxul, u insetti kbar bħal ħanfus u ġurati. Għandu metodu partikolari kif jaqbad il-priża. Jgħaddi ħin twil jgħarrex mill-għoli, u meta jara xi ħaġa jinżel ħafif għaliha, jaqbadha, u jsabbatha ma' l-art bil-munqar, biex joqtolha qabel jikolha.

## Familja

Fir-rebbiegħa jibni l-bejta f'xaqq għoli fil-blat, fejn il-mara tbid bajd blu ċar b'daqqiet kannella. Dan ifaqqas wara xi 15-il ġurnata, u wara xi ħmistax oħra l-frieħ itajru.

## Prezzjuż

Il-merill huwa għasfur protett u ħafna kaċċaturi tgħallmu ma jisparawlux. Imma xorta waħda għad hawn nies boloh li jmorru jixxabbtu ma' l-irdum biex jisirqulu l-frieħ mill-bejta. Fl-antik din il-prattika kienet iktar komuni, u daqs 150 sena ilu l-ornitologu Wright kiteb li merill ġieli kien jinbiegħ tliet liri, li dak iż-żmien kienet somma fenomenali.

Tant kien meqjus prezzjuż, li n-nies kienu spiss idendlulu mal-gaġġa ċarruta ħamra u baħbuħa (bebbuxu tal-baħar), biex iħarsuh mill-għajn il-ħażina!



Ritratt ta' Denis Cachia

L-aħħar darba staqsejniekom **għandkomx bejtiet ta' l-għasafar tal-bejt fil-ventilaturi.** Dawn huma t-tweġibiet li daħlu.

| post | bejtiet |
|---|---|
| Żurrieq | 1 |
| San Pawl tat-Tarġa | 2 |
| Ħamrun | 0 |
| Swatar | 1 |
| Birżebbuġa | 0 |
| Mosta | 1 |
| Għajnsielem | 1 |

Ħadu sehem Stefan Azzopardi, Johann Galdies, Matthew Pace, Etienne Mangion Christian Cutrona, Nicole Aloisio u Dale Mifsud

Grazzi lil **Alison Buttiġieġ** li qed tieħu ħsieb din ir-rokna

Il-ħarġa għal Għar Ħasan tas-6 Lulju 2004




# tromba@

Servejs ħfief dwar in-natura għal min għandu imejl

Il-mistoqsija ta' did-darba hija din:

**Għandek friefet il-lejl ħdejn id-dar tiegħek?**

Ibgħat għidilna:
1. IVA jew LE
2. Jekk iva, kemm rajt flejla waħda?
3. F'liema raħal/belt toqgħod?
4. X'jismek u x'kunjomok?

Kif juri ismu, il-farfett il-lejl huwa annimali li joħroġ wara nżul ix-xemx. Spiss iħuf ħdejn lampi tad-dawl, għax hemm isib l-ikel favorit: baħrijiet.



Hekk stenna li tara! ...mhux hekk!

Biex tara l-friefet il-lejl, sib lejla kalma u kif tinżel ix-xemx (tħallihx jidlam ċappa) oqgħod ftieqa jew gallerija, u ħares 'il fuq speċjalment lejn xi lampa tat-triq.

Il-farfett il-lejl huwa iżgħar minn għasfur tal-bejt. Għandu titjira ħafifa u jtir 'l hawn u 'l hemm qisu ma jiżen xejn. Itir fil-baxx, xi sular jew ftit iktar

Il-friefet il-lejl iħobbu jduru ħafna drabi fl-istess ħâra, għalhekk mhux kull darba li tara wieħed se jkun differenti. Biex tkun ċert li hemm tnejn, trid tara tnejn fl-istess ħin!

Ibgħat it-tweġiba tiegħek lil **tromba@birdlifemalta.org**

# SITTSAQAJN: il-Werżieq ta' bi Nhar

Matthew Borg Cardona

Daż-żmien tas-sajf kif appena l-ġurnata tibda tisħon spiss nisimgħu ħoss ġej minn barra qisu kitla tal-misħun qed issaffar. Tidħlilna ġol-menti ta' rasna u ma tbatti xejn - donnu ħadd ma jrid imur jitfiha l-kitla! Imma din mhi kitla xejn, dan huwa l-ħoss tal-werżieq ta'bi nhar, il-ħoss tas-sajf Malti!







**Il-werżieq ta' bi nhar** (*Cicada orni*) hawn min isejjaħlu wkoll żerżur jew ċikada. Dan huwa insett li jikber sa 4ċm, u jgħix fejn hemm is-siġar. Mad-daqqa t'għajn taħsbu dubbiena enormi, imma fil-fatt la huwa dubbiena (Diptera) u lanqas mhu relatat mal-werżieq ta' bil-lejl (Orthoptera) imma qiegħed fi grupp ieħor jismu Homoptera.

Iċ-ċikada raġel jipproduċi dak il-ħoss mill-ġnub u taħt żaqqu, u dan jagħmlu biex jiġbed lejh in-nisa! Il-mara tbid il-bajd fuq siġra u meta ż-żgħar ifaqqsu, jaqgħu fl-art u jidħlu taħt il-ħamrija, fejn joqogħdu jixorbu s-sustanzi mill-għeruq tal-pjanti. Iż-żgħar idumu s-snin jikbru taħt l-art. Meta jkunu kibru biżżejjed, joħorġu mill-art, jitilgħu ma' siġra u jbiddlu l-qoxra għal l-aħħar darba. Fil-bidu tas-sajf tara ħafna minn dawn il-qxur imwaħħlin maz-zkuk.

# galleria



**ċikonja bajda**
graziella farrugia 8



**ħuttaf**
christian xuereb 9

**Ibagħtulna t-tpinġijiet tagħkom!**
imma mhux ta' pets jew annimali domestiċi. Tinsewx isimkom, l-età u isem l-oġġett



**qattus***
roxanne camilleri 11



**pitirross**
martina cutajar 11

*tip ta' kokka (long-eared owl)



**xifa**
luca bugelli 13



**russett tas-siġar**
raisa brincat 9



**globiġerina**
edwin gusman 10



**tajra safra**
annabelle vassallo 11



**gremxula**
jeffrey sciberras 13



**kiwi**
david borg 7



**basking shark**
lynsey zammit 11

## kreaturi mill-ħrejjef Griegi




Sean Caruana Webster

# Is-Sireni

Fil-mitoloġija Griega, is-Sireni kienu tlieta, jisimhom Pisinue, Aglaope u Telksiope. Waħda kienet iddoqq il-flawt, waħda ddoqq il-lira u l-oħra tkanta. Fil-bidu kienu kumpanija ta' l-alla Persefone, imma meta Hades seraqha, is-Sireni ngħataw il-ġwienaħ biex ikunu jistgħu jtiru u jfittxu lil Persefone. B'hekk saru nofshom għasafar u marru jgħixu fuq sikek f'nofs ta' baħar max-xatt ta' l-Italja, fejn illum hemm il-gżejjer Li Galli.

Darba Ulisses kellu jbaħħar ma' sħabu minn hemm. Is-saħħara Ċirċe wissiethom biex isoddu widnejhom bix-xama' waqt dik il-parti tal-vjaġġ biex ma jisimgħux il-kant tas-Sireni. Leħen is-Sireni kien tant sabiħ li min kien jismagħhom kien jiġġennen, jaqbeż il-baħar u jitqatta' biċċiet mis-Sireni! Imma Ulisses ried xorta jismagħhom, għalhekk qal lil sħabu biex lilu jħalluh jisma' imma jorbtuh ma' l-arblu tal-ġifen. Meta sema' l-ilħna beda jitħabat mal-ħbula, imma sħabu aktar issikkawh u ma ħarbilhomx, filwaqt li huma ma semgħu xejn minħabba x-xama'.

Rakkont ieħor jgħid li anke l-Argonawti kellhom jgħaddu minn ħdejn is-Sireni. Dawn użaw tattika differenti. Magħhom kellhom lil Orfeus, mużiċista famuż. Dan beda jkanta mużika li ssaħħar, u ġara bil-maqlub: is-Sireni semgħu lilu, iġġennu huma, inxteħtu l-baħar u saru blat - il-gżejjer Li Galli!

Sean Caruana Webster

Is-Sireni fil-mitoloġija Griega huma differenti mis-sireni nofshom mara nofshom ħuta.

FALKO
Żgħażagħ BirdLife Malta



## Ħbieb Falkuni!

Xbajt iwaqqfuni nies joħduha miegħi fuq dil-biċċa ta' l-'eco-tax'. Kulħadd sejjer: "Minħabba fikom ta' l-ambjent waħħlulna taxxa oħra."

Jien veru wieħed minn dawk li ilni ħafna nixtieq li tiddaħħal eco-tax. U bħali żgur jaħsbuha ħafna ambjentalisti oħrajn.

IMMA dit-taxxa ġdida assolutament mhix eco-tax. Li missu sar kien sistema ta' 'rebates' fuq prodotti li huma ta' anqas ħsara għall-ambjent. X'inhi rebate? Din tkun ammont ta' flus li tirċievi lura wara li tkun xtrajt il-prodott. Per eżempju, nixtri karozza ta' l-elettriku li tiswa Lm1000 u fuqha nħallas it-taxxa bħal fuq kull karozza oħra, per eżempju Lm600. Total = Lm1600. Wara, nibgħat formola lil-gvern u jħallasni lura 30% tal-prezz (għax hija karozza ta' inqas ħsara ambjentali). B'hekk il-karozza tiġini Lm1120! Dak il-ħlas lura jgħidulu rebate.

Naturalment, dan ir-rebate għandu jkun biss fuq prodotti eco-friendly, bħal friġġijiet bla CFCs, magni tal-ħasil li jaħlu inqas, sapun biodegradabbli eċċ. B'hekk in-nies jitħajru iktar jixtru prodotti li ma jħassrux l-ambjent, għax jiġuhom irħas.

Dit-taxxa l-ġdida hija kompletament differenti. Iż-żieda se tħares mhux lejn kemm l-oġġett huwa ambjentalment korrett, imma lejn kemm jiswa biex tarmih. Għalhekk il-prezz ta' kull karozza se jiżdied b'Lm200, bl-iskuża li biex tarmiha jiswa Lm200. M'hemmx distinzjoni jekk il-karozza hijiex eco-friendly jew hijiex terrur għall-ambjent.

Biex niftiehmu, li jkollok taxxa fuq l-iskart jagħmel ukoll sens ambjentali. Imma biex jagħmel sens, irid ikun hemm distinzjoni bejn oġġett u ieħor.

Insomma, issa jekk jiġi xi ħadd jakkużakom li minħabba l-ambjent għolietlu l-ħajja, tafu kif għandkom twieġbu!

Saħħiet

justin

**Justin Vassallo** ko-ordinatur FALKO

**M'hemmx attivitajiet ġodda tal-Falko, imma ftakru li baqa' Xogħol u Xalar fl-20 Awwissu 2004**




# rapporti

Tliet ħarġiet lejn Għawdex. Stefan Azzopardi jirrapporta...

## Bil-lejl...

L-ewwel kellna n-**najt ħajk f'Għawdex** (6-7 Ġunju 2004). Dawn it-tip ta' ħajks fid-dlam huma l-unika mixjiet li tissogra tagħmel fis-sħana tas-sajf Malti! Għawdex dejjem sabiħ, u waqt in-najt ħajk gawdejnieh fis-skiet u ż-żiffa ta' bil-lejl. Qbadna l-vapur filgħaxija miċ-Ċirkewwa, wasalna l-iMġarr u bdejna mexjin madwar ix-xatt. Ma tantx domna nimxu, u waqt il-mixja vera ħadna gost għax barra li sibna ħafna xi ngħidu, stajna nammiraw sema mimlija kwiekeb, ħaġa li ma tantx narawha Malta minħabba l-ħafna dwal li għandna.

## fuq l-irdum...

Imbagħad kellna attività oħra, fejn ukoll irqadna Għawdex. Dan kien meta morna **bil-lejl biex nisimgħu ċ-ċief** (17-18 Lulju 2004). Dħalna l-iMġarr tard wara nofsinhar, u wara mixja mal-kosta u għawma biex niffriskaw ftit, wasalna Ta' Ċenċ. Waqt il-mixja rajna 3 **swejdiet** u smajna ukoll **pispisella**, li għarafnieha mill-għajta tipika. X'ħin wasalna Ta' Ċenċ laqtitna x-xena ta' qtajja ta' **ċief** jinġabru 'l barra mill-irdum, biex malli jidlam jidħlu lejn il-kolonja ta' bejtiet li jkollhom fl-irdum. Fil-ftit dawl li kien fadal frixna l-**afarijiet** fl-art u ntfajna bilqiegħda nistennew iċ-ċief dieħel. Malli dalam bdejna nisimgħuhom, eluf ta' ċief jgħajtu u jnewħu - esperjenza li ma ninsewhiex malajr. Irqadna, u filgħodu qomna u nżilna x-Xlendi bil-mixi biex ngħumu. Fit-triq rajna diversi **bliebel**, 6 **merilli** u qatgħa **runduni**.

## ...u taħtu!

Il-qtajja' ta' ċief li rajna minn fuq l-irdum meta morna Ta' Ċenċ rajnihom ĦAFNA iktar mill-viċin meta ftit granet qabel **morna bid-dgħajsa taħt l-istess irdum** (14 Lulju 2004), apposta biex narawhom. Meta ċ-ċief jinġabar fqatgħat fuq il-baħar jissejjaħ rafting, fenomenu spettakolari u kurjuż. Iċ-ċief kollu tal-kolonja jinġabar fdawn ir-rafts biex jistenna d-dlam, ħalli mbagħad jidħol fil-bejtiet. Bla ma jaf, iċ-ċief jipprovdi lilna l-berdwoċers okkażjoni tremenda biex narawh u ngawduh ;-) Ix-xeni li rajna waqt din il-ħarġa inessuk li qiegħed Malta, għax mhux biss rajna ċ-ċief f'numri kbar, imma rajnieh viċin immens tad-dgħajsa, kif jixhed ir-ritratt li ħa Matthew

Stefan Azzopardi

# DEFORESTAZZJONI

Elisabeth Conrad





**Mhux faċli timmaġina d-dinja tagħna bla foresti. Mela GĦALIEX għadna qed neqirduhom?**

Il-foresti importanti immens. Importanti għax jarmu ħafna ossiġnu fl-arja, għax jieħdu ħafna carbon dioxide mill-arja, għax jirregolaw il-klima u jżidu l-umdità fl-arja, għax jifurmaw ħamrija ġdida u jħarsuha milli tintilef. Importanti għax huma d-dar ta' ħafna mill-flora u fawna tad-dinja (sa 70%, skond xi xjenzati). Importanti għax minnhom aħna stess nieħdu ikel, mediċina u injam, u għax tant eluf ta' nies madwar id-dinja jiddependu mill-foresti għall-għixien tagħhom.

Minkejja dan kollu, il-foresti għadhom jinqatgħu b'rata allarmanti. F'dawn l-aħħar snin tant żdiedet id-deforestazzjoni li l-qtugħ m'għadux sostenibbli. Għalfejn dil-ferneżija ta' qtugħ?

## biedja

Forsi l-ikbar kaġun ta' qerda tal-foresti hija l-biedja. Azjendi kbar ta' l-agrikoltura kull sena jqaċċtu wesgħat enormi ta' foresta tropikali. Fuq dik l-art imbagħad ikabbru prodotti mhux biex nikluhom aħna, imma biex jagħlfu miljuni ta' baqar għall-industrija Amerikana tal-hambergers.

## injam

Raġuni oħra hija l-injam. Ħafna għamara ssir minn injam tropikali bħall-kewba u iroko. Ħafna siġar tropikali ma jikbrux gozz flimkien ta' l-istess speċi, imma mxerrdin waħdiet 'l hawn u 'l hemm fil-foresti. Il-problema hi li l-makkinarju ġgantesk li jużaw biex iġorru l-injam jispiċċa jiċċattja meded sħaħ ta' foresta minn kull fejn jgħaddi, bir-riżultat li biex tinġabar siġra waħda jitkissru mijiet oħrajn! L-industrija tal-karti wkoll tixkuma meded vasti ta' foresta kull sena.

## faqar

Kaġun ieħor huwa l-faqar. Fejn hemm il-faqar m'hemmx kukers, u n-nies isajru l-ikel fuq nar mikxuf tal-ħatab. Biex isibu biżżejjed injam kuljum għall-ħuġġieġa, in-nies qed ikomplu jqaċċtu u joqtlu iktar u iktar siġar. Ħafna artijiet fl-Afrika llum huma deżert proprju minħabba f'hekk.

## Aħna x'nistgħu nagħmlu?

- Nixtru prodotti forest-friendly, eż: nagħżlu kartolini li fuqhom jgħidlek li ġew minn foresti sostenibbli.
- Niktbu, inpinġu u nipprintjaw fuq żewġ naħat tal-karti.
- Waqt barbikjus ma nużawx platti tal-karti disposable.
- Nużaw karta riċiklata - din tkun magħmula minn karti oħrajn, u dan jiffranka iktar injam u iktar siġar.
- Nifirdu karti mormijin minn skart ieħor, biex dan jinġabar biex isir karta riċiklata.
- Inħajru l-iskola u l-għalliema biex jixtru u jużaw huma wkoll karta riċiklata - l-iskejjel jużaw ħafna u ħafna karti.
- Nikkonvinċu lill-ġenituri ma jixtrux għamara ta' njam tropikali, imma jagħżlu injam bħal ta' l-abjad, ta' l-aħmar, ballut eċċ.
- Nadottaw siġra fil-Foresta 2000 tal-BirdLife!
- Inżuru websajts bħal **www.saverainforest.net** u **www.therainforestsite.com** - dawn għandhom sponsors li jagħtu flus għall-ħarsien tal-foresti skond kemm nies iżuru l-websajts - anke b'sempliċi klikk tal-maws tista' tgħin lis-siġar!

Bilħaqq, Il-Ħuttafa dejjem nistampawha fuq karta riċiklata!

# mid-djarju tal-berdwoċer

Jason Aloisio

## mejju

Matul Mejju kompla jidher ħafna tajr tal-passa. Filwaqt li l-**kuċċard** naqqas sew, baqgħu jidhru xi **spanjuletti** u **isqra tal-ħannieqa** u żdiedu l-**bies tar-reġina** u ż-**żumbrelli**. Fir-riserva ta' l-Għadira reġgħet niżlet **arpa**. Għalkemm mhux f'numri kbar, żdiedet ukoll il-lista ta' l-għasafar tal-plajja: **monakell** (li kompla jbejjet l-Għadira), **tertux**, **pispisell aħmar** u xi **ċuvett** u **pispisella tax-xifa** fost l-oħrajn. Il-**ħuttaf** naqqas sew imma l-**ħawwief** baqa' jidher fi qtajjiet imdaqqsin. Mal-qtajjiet kbar ta' **rundun** dehru wkoll xi **rundun kannelli** u **rundun żaqqu bajda**. Għaddew l-aħħar qatgħat **qerd in-naħal** u l-aħħar **tajr isfar** u xi ftit **farruġ**. Kif għalaq l-istaġun tal-kaċċa żdied jidher il-**gamiem**.

Fost għasafar li mhux soltu jiġu daż-żmien dehru **russett griż**, **malvizz**, **pitirross** u **sarsella**, u anke xi għasafar rari bħar-**rożinjol tax-xagħri** u l-**kaċċamendula ħamra**. Fir-riserva tas-Simar, il-**bufula tal-qasab** bdiet taħseb għall-bejta. Buful ieħor tal-passa inkluda l-**bekkafik** u l-**bekkafik isfar**, fost oħrajn.


żumbrell

## ġunju

F'Ġunju l-għasafar donnhom jieħdu vaganza bħat-tfal ta' l-iskola, għax ftit li xejn ikun hawn x'tara. Għalhekk titfa' ħarstek lejn dawk il-ftit għasafar li jbejtu f'pajjiżna. Kellna għadd ta' rekords ta' bejtiet ta' **bliebel** u **buful aħmar**, u magħhom ta' **durrajs** jgħanni. Dawn l-għasafar m'għadhomx komuni bħalma kienu darba. Instabu wkoll xi bejtiet tal-**kaċċamendula** u taż-**żanżarell tat-tikek**. Bejjet par ħuttaf il-Buskett, (ara paġ3), u forsi bejjet ukoll l-**isturnell**.

F'waħdiet jew numri żgħar ħafna dehru xi **reġina tal-ħuttaf**, **bilblun**, **tudun**, **gamiem**, **kuċċard**, **fras-servjent** u **paletta** (l-aħħar tnejn l-aktar l-Għadira). Tfaċċaw ukoll xi **sponsuni**, **vrieden**, **ċirlewwa bumunqar** u **girwiel prim**.

# Brimba kbira u insett stramb!

Għażiż Editur,

Qrajt b'interess l-artiklu *Brimba Ġdida* (Ħutt62). Aħna kellna waħda bħalha mqabbda mal-ventijiet tat-televixin fuq il-bejt. Ratha l-Mamà l-ewwel meta telgħet tonxor il-ħwejjeġ. Il-brimba kellha għanqbuta kbira ħafna u kienet tiċċaqlaq mar-riħ. Ommi mill-ewwel ratha kemmxejn stramba bl-istrixxi bojod u suwed. Mingħalija rajnieha bejn Jannar u April. Ma nafux x'sar minnha, jekk kilhiex xi għasfur.



Waqt li kont qed nikteb, wasal missieri d-dar u sab dan li qisu żunżan b'saqajh sufin oranġjo u l-koxox suwed, qishom tal-brimba tarantula, imma sitta flok tmienja. Għandu żewġ antenni żgħar ħafna u munqar iswed. Il-ġwienaħ trasparenti fil-kannella ċar bil-vini. L-abdomen irrigat iswed u oranġjo. Twil pulzier. Tista' tgħidli xi ħaġa fuqu, jekk hux ġdid ukoll, għax missieri qalli li mhux membru tan-naħal ta' l-għasel. Ippruvajt inpinġih kif naf. Grazzi.

Stephanie Agius
Raħal Ġdid

Għażiża Stephanie,

Ikolli ngħid li jien ukoll qrajt b'interess l-ittra tiegħek! Iva, dik il-brimba li sibtu fuq il-bejt setgħet kienet l-*Argiope trifasciata*. Setgħet kienet ukoll l-*Argiope lobata*, brimba li wkoll għandha strixxi suwed u bojod, imma li hija iktar komuni u mxerrda. Però ma niskantax li kienet il-ġdida. Minn mindu ħriġna l-aħħar Ħuttafa, diġà bagħtulna ritratt ta' l-istess speċi minn Għawdex! Jiġifieri hija żgur iktar mifruxa milli konna qed naħsbu. Kif tara, kollox jiddependi minn kemm nosservaw id-dettalji tan-natura madwarna.




U inti tidher osservanti sew, għax tajtni deskrizzjoni tajba ħafna ta' dak l-insett li sab missierek. Minn dak li ktibt u pinġejt, jidher li huwa naħla minn dawk li jgħidulhom **solitary bees**. Jgħidulhom hekk għax jgħixu weħidhom, mhux f'familji bħan-naħla ta' l-għasel. Għandna diversi speċi minn dan in-naħal f'Malta, uħud komuni, oħrajn rari, u uħud jixxiebħu mhux ħażin. Iktar minn hekk ma nistax inkun ċert.

Ibqa' żomm għajnejk miftuħin, ħu nota ta' dak li jinteressak, u li tkun tixtieq ibgħat staqsina. Ftakar ukoll biex dejjem turi rispett lejn kull annimal li ssib - osservah u studjah bla ma tfixklu jew toqtlu.

L-Editur

żur il-websajt tagħna... www.birdlifemalta.org

middi ejk

# Trid iljunfant biex iżommlok lapes?

Flok ma toqgħod tixtri pencil-holder, għax ma tagħmilx wieħed int?



## Għandek bżonn

bott għoli xi 10ċm • kolla • mqass • krejons jew feltpens • karta griża • għajnejn jiċċaqalqu

## Kif tagħmel

1 Aħsel il-bott u neħħilu l-karta li jkollu.
2 Aqta' biċċa mill-karta griża, biżżejjed biex tiksi l-bott minn barra. Waħħalha mal-bott bil-kolla.
3 Itwi biċċa (15ċmx10ċm) karta griża min-nofs u fuqha pinġi forma ta' widna.
4 Qasqas madwar il-forma u meta tiftaħ il-karta jkollok żewġ widnejn l-istess.
5 Itwi 1ċm min-naħa ta' ġewwa tal-widnejn. Agħmel qatgħa f'nofs it-tinja u itwi nofsha 'l quddiem u nofsha lura. Dan biex meta twaħħalhom mal-bott, il-widnejn jibqgħu maħruġin 'il barra.
6 Aqta' t-tromba u obromha billi tgerber nofsha madwar lapes. Pinġi l-imnifsejn u t-tikmix tat-tromba.
7 Itwi 1ċm min-naħa ta' fuq u waħħal it-tromba mal-bott.
8 Waħħal l-għajnejn jċċaqalqu. Jekk m'għandekx, pinġihom fuq karta, qasqas u waħħal.
9 Pinġi l-ħalq taħt it-tromba. Żid dettalji oħra, eż nejbiet.

Janet Gerardi

## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**
- **10 punti fil-Ħuttafattiva**



Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fil-Klabb...
Tihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ____________________
Indirizz ____________________
____________________ postcode ____________________
Data tat-twelid ____________ Telefon ____________

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ____________________
Indirizz ____________________
____________________ postcode ____________________
Membership number ____________ Telefon ____________

Ibgħat kollox lil BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 29 bolla tas-7ċ
Tista' tissieħeb onlajn mill-websajt tal-BirdLife fuq **www.birdlifemalta.org** u tikklikkja JOIN NOW

**Tqattax il-magażin - agħmel kopja!**

# SPOT THE DIFFERENCE COMPETITION

## There are 6 differences for you to find!








**FUN PACKED FOR THIRSTY KIDS ON THE GO**

Ready to drink RIBENA that's bursting with Vitamin C goodness. No artificial Colour, Flavour or Sweetener

Xarba tajba u sustanzjuża b'togħma tal-blackcurrant hi r-RIBENA. Minħabba li l-ġisem ma jipproduċix Vitamina C, għandna bżonn insibu sorsi differenti ta' din il-vitamina, li hi tant bżonjuża għalina lkoll.



**Ribena fiha tliet darbiet aktar Vitamina C mil-laring!**

ISEM: ____________________

INDIRIZZ: ____________________

____________________

*Immarka d-differenzi u ibgħat il-paġna lil Kompetizzjoni Ribena, Simonds Farsons Cisk plc. Notabile Road, Mrieħel BKR 01*